# Libertà tal-Informazzjoni

Ċentru Dwar l-Arbitraġġ ta' Malta

Membri tal-pubbliku li jixtiequ li jkollhom aċċess għad-dokumenti hawn taħt imsemmija miċ-ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta (hawn aktar 'l isfel jissejjaħ "iċ-Ċentru") għandhom jibagħtu t-talba tagħhom lil:

**Uffiċjal tal-FOI**

E: foi.mac@arbitration.mt

W: foi.gov.mt

## Kif għandha tiġi mressqa Talba jew Ilment:

Persuna li t-talba għall-informazzjoni tagħha tkun ġiet rifjutata, jew inkella tkun b'xi mod mhux sodisfatta bl-informazzjoni provduta, bil-format, jew bl-estensjoni tat-terminu li jindika jekk it-talba ġietx milqugħa jew le, tista' tindirizza l-ilment lill- Ministeru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni (hawn aktar 'l isfel jissejjaħ "il-Ministeru").

L-ilment għandu jkun indirizzat lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Libertà tal-Informazzjoni tal-Ministeru, li għandu jġib l-ilment għall-attenzjoni tal-uffiċjal responsabbli (li għandu jkun l-iktar uffiċjal għoli fl-entità). L-uffiċjal responsabbli għandu jwieġeb lill-applikant fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data ta' meta l-ilment jkun wasal għandu. L-applikant għandu wkoll jiġi infurmat li huwa jista' jappella mid-deċiżjoni billi jippreżenta appell mal-Kummissarju tal-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data (IDPC) skont il-provvedimenti tal-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni (Kapitolu 496 tal-Liġijiet ta' Malta).

L-uffiċjali responsabbli għandhom jinformaw lill-applikant bid-deċiżjoni fuq l-ilment tiegħu u fl-eventwalità li jkun hemm konferma tad-deċiżjoni li l-informazzjoni ma tiġix rilaxxata, l-applikant għandu jingħata r-raġunijiet wara dik id-deċiżjoni. Jekk l-ilment tal-applikant ikun jirrelata mal-format tal-informazzjoni provduta jew mal-estenzjoni tat-terminu li jindika jekk l-ilment ġiex milqugħ jew le mill-Ministeru, u d-deċiżjoni oriġinali tiġi kkonfermata, l-applikant għandu jingħata spjegazzjoni għalfejn l-ilment tiegħu ma ġiex milqugħ.

L-applikant jista' wkoll jagħmel użu mill-proċedura hawn fuq deskritta biex jirrapporta nuqqas ta' żamma tal-ħinijiet stipulati jew għall-finijiet ta' notifika.

## Dettalji dwar l-Istruttura Organizzativa taċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta

Il-Bord tal-Gvernaturi taċ-Ċentru huwa responsabbli għall-politika u l-amministrazzjoni ġenerali tal-affarijiet u x-xogħol taċ-Ċentru, liema Bord jinħatar mill-President ta' Malta li jaġixxi fuq il-parir tal-Prim Ministru. Il-Bord tal-Gvernaturi fil-preżent huwa kompost minn Chairman, Deputy Chairperson u żewġ membri.

Iċ-Ċentru għandu wkoll Reġistratur, li hija wkoll segretarju tal-Bord. Ir-rappreżentanza legali taċ-Ċentru hija vestita fir-Reġistratur. Ir-Reġistratur u l-impjegati l-oħra taċ-Ċentru (fil-preżent Deputat Reġistratur, żewġ Senior Clerks u Clerk) jinħatru mill-Bord b'dawk il-patti u kundizzjonijiet li l-Bord iqis xierqa.

Il-funzjonijiet u r-responsabbilitajiet taċ-Ċentru huma dawk provduti fl-Artikolu 10 (1) tal-Att dwar l-Arbitraġġ, Kapitolu 387 tal-Liġijiet ta' Malta.

## Il-ħinijiet tal-uffiċċju taċ-Ċentru huma kif ġej:

| | |
|---|---|
| 15 ta' Settembru sal-14 ta Lulju: | 8.00 a.m. – 12.30 p.m.; 1.00 p.m. sal-5.00 p.m. |
| 15 ta' Lulju sal-14 ta' Settembru: | 07.30 a.m. – 1.00p.m. |

## Dettalji ta' Kuntatt taċ-Ċentru huma kif ġej:

Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta

Palazzo Laparelli, 33,

Triq in-Nofsinhar,

Valletta, VLT 1100.

Website: www.mac.mt

Il-Websajt tal-Ministeru tal-Ġustizzja: Agħfas Hawn

## Kategoriji ta' Dokumenti taċ-Ċentru (inkluż dokumenti eżenti):

- Files rigward l-amministrazzjoni taċ-Ċentru
- Files personali tal-impjegati taċ-Ċentru
- Minuti tal-Laqgħat tal-Bord tal-Gvernaturi u dokumenti oħra relatati max-xogħol tal-istess Bord;
- Applikazzjonijiet biex persuni jiġu kkunsidrati fil-Gruppi ta' Arbitri maħtura miċ-Ċentru
- Dokumenti konnessi mal-proċessi tal-għażla biex jimtlew postijiet ta' xogħol vakanti maċ-Ċentru.

Fil-preżent, iċ-Ċentru m'għandux manuals jew dokumenti simili li jinkludu policies, prinċipji, regoli jew linji gwida, li peremzz tagħhom jittieħdu deċiżjonijet jew isiru rakkomandazzjonijiet lill-membri tal-pubbliku (inkluż korpi magħquda u impjegati ta' awtortià pubblika fil-kapaċità personali tagħhom).